27 ta' Lulju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Caterina Farrugia

## Vjolazzjoni tal-Proprjetà ta' Ħaddieħor — Għalqa — Dar — Art. 353(o) tal-Kodiċi Kriminali

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reat ta' min, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol fi djar tan-nies wara li jkun ġie mwissi minnhom li ma għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tagħhom, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor, tirrigwarda d-dħul ġo dar, u ma hix applikabbli meta l-post li l-imputat ikun daħal fih huwa għalqa.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors tal-imputata, li biħ appellat mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Lulju 1957, u talbet li tiġi liberata minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputata ġiet misjuba ħatja taħt l-art. 353(o) ċitat fis-sentenza, u ġiet kundannata għall-ammenda ta' nofs lira;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputazzjoni li fuqha l-imputata ġiet misjuba ħatja ġiet magħmula tikkonsisti filli l-imputata daħlet fl-għalqa ta' Salvu Cassar mingħajr il-kunsens tiegħu;

Illi l-art. 353(o) fuq riferit jikkontempla l-fatt ta' min, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol fi djar tan-nies wara li jkun ġie mwissi minnhom li ma għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tagħhom, jew bi skuża falza, jew b'qerq ieħor. Din il-materjalità però, tirrigwarda id-dħul ġo dar — "dwelling house" fit-test ingliż, u "casa" fl-antik test taljan; u għalqa mhix dar. Għalhekk l-imputazzjoni ma tikkostitwix ir-reat li tiegħu l-imputata ġiet misjuba ħatja;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputata mhix ħatja, u tilliberaha.